**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 11 ta' Lulju, 2002

**Numru**

**Avviz numru 172/02JR**

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Emmanuel Abela u l-istess Emmanuel Abela**

**vs**

**Paul Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Jannar, 2002, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u disgha u erbghin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm549.18), u fejn intqal:**

**Li l-konvenut jigi ddikjarat responsabbli ghall-incident stradali li gara f'Tal-Qroqq, Regional Road, Msida, fit-28 ta' Settembru, 1999, bejn Ford Escort numru EMM-556 misjuqa minn Emmanuel Abela u truck numru DAC-483 misjuq mill-konvenut (minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti) u li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas l-ammont ta' danni mitluba mill-atturi u cioe` hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) fil-kaz ta' Emmanuel Abela u hames mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u tmientax-il centezmu (Lm524.18) fil-kaz ta' Untours Insurance Agents Limited noe (komprizi f'dan l-ammont l-ispejjez ta' ittra ufficjali tal-14 t'April, 2000 u ohra tal-25 ta' Mejju, 2000;**

**Flimkien ma' l-ispejjez tal-prezenti avviz u dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Kap.104, u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-25 ta' Frar, 2002, fejn intqal illi:**

i. **L-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda unikament htija ta' l-attur Emmanuel Abela;**

ii. **Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu prova tad-danni;**

iii. **Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni favur l-atturi;**

iv. **Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**Semgha x-xhieda ta' PS524 Paul Cassar, Emmanuel Abela u Paul Azzopardi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-28 ta' Settembru, 1999, ghall-habta ta' 11.45am. fir-Regional Road, f'Tal-Qroqq l-Imsida, wara li tohrog mit-tunnel, u precizament quddiem fejn hemm nicca tal-Madonna. L-incident gara bejn il-vettura (concrete mixer) DAC-483 misjuq mill-konvenut, u l-vettura EMM-556 misjuqa mill-attur.**

2. **Jirrizulta li z-zewg vetturi kienu mexjin fl-istess direzzjoni meta gara l-incident, cioe` gejjin mid-direzzjoni ta' l-Imsida u mexjin fid-direzzjoni tar-roundabout. Il-konvenut kien fil-karreggjata ta' barra ossija hdejn is-"centre strip" filwaqt li l-attur kien fil-karreggjata ta' gewwa qed jikser ghall-karreggjata ta' barra.**

3. **Jirrizulta li f'dik il-parti fejn gara l-incident, kien hemm makkinarju parkeggjat fuq ix-xellug kif indikat fl-isketch. Jirrizulta wkoll li kien**

**hemm barriers sabiex it-traffiku li kien gej fil-karreggjata ta' gewwa iferra gradatament ghall-gol-karreggjata ta' barra.**

4. **Jirrizulta wkoll li l-vettura ta' l-attur kienet qed tipprecedi jew taqbez minn gewwa l-vettura tal-konvenut, bl-intenzjoni li tidhol quddiem il-vettura tal-konvenut, tant li d-daqqa fuq il-vettura ta' l-attur kienet fuq wara fuq in-naha tal-lemin ossija fuq il-mudguard tal-lemin ta' wara, girfa fuq l-ispoiler u danni fuq il-"quarter window", filwaqt li l-konvenut kellu d-daqqa fuq il-rokna ta' quddiem in-naha tax-xellug.**

5. **Jirrizulta li l-vetturi kienu mexjin bil-mod. Jirrizulta wkoll li minhabba n-natura tal-vettura tal-konvenut, minhabba l-gholi tat-truck, dan ma setghax jara lill-attur fil-mument qabel ma sehh l-incident.**

6. **Huwa minnu li fil-kors ordinarju tat-traffiku:**

> **"Where a car is travelling in a straight course, turning neither to left nor to right, and is struck in the rear by another vehicle, the driver of the rear car is usually held responsible, especially if the car in front was on the proper side of the road. The front car has a superior right; his look-out is ahead and not behind; and he owes no duty to the rear except to use the road in the usual way, in**

**accordance with the rule of the road…" (Trial of Motor Car Accident Cases para.83 citata fil-kawza William Buhagiar vs Nazzareno Borg Vol.XLIII-I-243).**

**Pero` f'dan il-kaz jigi rilevat li l-attur kien qed jikser ghall-gol linja tat-traffiku minn fejn kien ghaddej il-konvenut. Il-konvenut da parti tieghu kellu vettura ta' tali natura li ma ppremettitlux li jara lill-attur li kien qed javvicina, meta kien ben konxju li minn dik in-naha minhabba l-ostakoli li kien hemm fit-triq it-traffiku kien necessarjament qed iferra ghall-quddiemu.**

**7. Fil-fehma tat-Tribunal iz-zewg partijiet kellhom juzaw l-akbar diligenza f'dik il-parti tat-triq, minhabba in-natura ta' kif kien qed iferra t-traffiku ghall-gol-karreggjata ta' barra. Iz-zewg partijiet kienu konxji minn dan il-fatt. Il-konvenut kien jaf ben tajjeb li ma setghax jara xi vetturi minhabba l-gholi tat-truck, fattur li ma setghax jipprevedih l-attur, li da parti tieghu kien qed jidhol fil-linja tat-traffiku tal-konvenut li kellu dritt superjuri fil-kors ordinarju tat-traffiku. Fic-cirkostanzi t-Tribunal hu tal-fehma li z-zewg partijiet kienu jahtu ghall-evetwali kollizzjoni li sehhet, il-konvenut il-ghaliex ma adoperax diligenza sufficenti meta ma rax lill-attur mhux tant meta kien hdejh izda meta dahal quddiemu u meta kien ben konxju li kien hemm traffiku qed iferra minn hemm, l-attur talli ma uzax diligenza**

**sufficenti meta qabad u dahal fil-karreggjata tal-konvenut u b'hekk holoq ostakolu. Iz-zewg partijiet fic-cirkostanzi ghandhom responsabilita` ugwali ghall-incident li sehh.**

8. **Bhala konsegwenza ta' l-incident l-attur hallas is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) u s-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u tmientax-il centezmu (Lm524.18). Peress illi l-konvenut kien jahti biss fi grad ta' nofs ghall-incident li sehh, jigi li l-attur ghandu jithallas minghand il-konvenut is-somma ta' tnax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm12.50) filwaqt li s-socjeta` attrici ghandha tithallas is-somma ta' mitejn u tnejn u sittin lira Maltija u disa' centezmi (Lm262.09).**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kienu jahtu fi grad ugwali iz-zewg partijiet, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mitejn u tlieta u sebghin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm273.59) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tnax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm12.50), u lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u sittin lira Maltija u disa' centezmi (Lm262.09), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Kap.104, ghandhom jigu sopportati fi kwoti ugwali bejn il-partijiet.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**